# It-Trasport bil-Baħar bejn Malta u Għawdex: K1/2024

NR 066/2024 Data tal-Ħruġ: 15 ta' April 2024

*Fl-ewwel kwart tal-2024, it-trasport bil-baħar bejn Malta u Għawdex irreġistra żidiet fil-passiġġieri, fil-vetturi u fil-vjaġġi meta mqabbel mal-istess tliet xhur tal-2023.*



**It-trasport bil-baħar bejn Malta u Għawdex**

Bejn Jannar u Marzu 2024, saru total ta' 9,602 vjaġġi, li ġarrew total ta' 1,450,495 passiġġier (Tabella nru 1). Marzu kien l-aktar xahar impenjattiv meta fih saru total ta' 3,315-il vjaġġ jew 34.5 fil-mija tal-vjaġġi kollha f'dan il-perjodu (Tabelli nri 3 u 7).

**It-trasport bil-baħar bejn l-Imġarr u ċ-Ċirkewwa**

Total ta' 1,294,314-il passiġġier ivvjaġġaw bejn l-Imġarr u ċ-Ċirkewwa fl-ewwel kwart tal-2024, li hija żieda ta' 9.6 fil-mija meta mqabbla mal-istess tliet xhur tal-2023. L-ogħla numru ta' passiġġieri kien irreġistrat f'Marzu — 491,298 jew 38.0 fil-mija tat-total għat-trimestru. Meta mqabbel mal-istess kwart tas-sena ta' qabel, l-għadd ta' vetturi żdied b'5.8 fil-mija għal total ta' 465,108 (Tabelli nri 2 u 3).

Fl-ewwel kwart tas-sena, l-għadd ta' vjaġġi laħaq is-7,867, li huwa tnaqqis ta' 0.3 fil-mija fuq l-istess żmien fl-2023 (Tabella nru 2). F'Marzu kien irreġistrat l-ogħla numru ta' vjaġġi — 2,722 jew 34.6 fil-mija tal-vjaġġi totali għat-trimestru (Tabella nru 3).

Bejn Jannar u Marzu 2024, il-jiem tal-Ġimgħa u s-Sibt kellhom l-aktar traffiku ta' passiġġieri li oriġinaw miċ-Ċirkewwa, filwaqt li l-jiem tal-Ġimgħa u l-Ħamis kellhom l-aktar traffiku ta' vetturi li oriġinaw mill-istess post. Min-naħa l-oħra, fil-Ħdud u s-Sibtijiet kien hemm l-aktar traffiku ta' passiġġieri li oriġinaw mit-terminal tal-Imġarr, filwaqt li t-traffiku tal-vetturi mill-istess naħa kien l-ogħla fil-Ħdud u t-Tnejnijiet. (Ċarts nri 4 u 5).

## Ċart nru 1. Il-qsim tal-passiġġieri u l-vetturi bejn Malta u Għawdex




**It-trasport bil-baħar bejn l-Imġarr u l-Belt Valletta**

Matul l-ewwel kwart tal-2024, saru total ta' 1,735 vjaġġ li ġarrew total ta' 156,181 passiġġier (Tabella nru 6). Meta mqabbel mal-istess żmien fl-2023, l-għadd ta' vjaġġi żdied b'103.2 fil-mija, filwaqt li n-numru ta' passiġġieri żdied b'115.1 fil-mija. Ix-xahar ta' Marzu rreġistra kemm l-ogħla numru ta' vjaġġi — 593 jew 34.2 fil-mija, kif ukoll l-ogħla numru ta' passiġġieri — 62,076 jew 39.7 fil-mija — tal-ewwel kwart tas-sena (Tabella nru 7).

## Mappa nru 1. It-taqsim tal-vjaġġi bejn Malta u Għawdex fl-K1/2024




## Ċart nru 2. It-taqsim tal-passiġġieri bit-tip ta' rotta bejn Malta u Għawdex fl-K1/2024




## Ċart nru 3. Il-passiġġieri u l-vetturi lejn u mill-Imġarr u ċ-Ċirkewwa

Jannar-Marzu




## Ċart nru 4a. Il-vetturi lejn u mill-Imġarr bil-jum tal-ġimgħa

Jannar-Marzu




## Ċart nru 4b. Il-vetturi lejn u miċ-Ċirkewwa bil-jum tal-ġimgħa

Jannar-Marzu




## Ċart nru 5a. Il-passiġġieri lejn u mill-Imġarr bil-jum tal-ġimgħa

Jannar-Marzu




## Ċart nru 5b. Il-passiġġieri lejn u miċ-Ċirkewwa bil-jum tal-ġimgħa

Jannar-Marzu

